**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Mejju, 2019

Rikors Guramentat numru : 262/17 AL

A B

vs

C D
U b'digriet datat 4 ta' Jannar, 2018
Dr. Patrick Valentino u P.L. Nadine Farrugia
gew nominat sabiex jirrapprezentaw
lill-assenti C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni intima bejniethom mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri E B fl-20 t'April 2011 u dana skond certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A**. Illum il-minuri ghandha kwazi sitt snin u nofs.

2. Illi ghal dawn l-ahhar kwazi hames snin il-kontendenti hassru r-relazzjoni li kellhom bejniethom bl-imsemmija C D titlaq minn Malta habta u sabta meta sabet job l-Ingilterra fejn ghadha tghix sal-lum.

3. Illi minn meta telqet sal-lum C D, filwaqt li bidlet l-indirizz taghha iktar minn darba ma' baqghatx tikkomunika la ma' l-esponenti u lanqas ma bintha l-minuri qajla ccemplilha u hlief ghal cirka hames darbiet f'dawn l-ahhar hames snin qatt ma' giet tara lil bintha Malta u bl-ebda mod m'ghadha tiehu interess f'bintha u qatt ma' hasset li kellha tikkontribwixxi ghal ghixien u l-edukazzjoni taghha.

4. Illi l-esponenti issa li ghadda dan iz-zmien kollu bil-lum l-esponenti lanqas biss jaf fejn toqghod omm bintu, jixtieq illi jkollu l-kura u l-kustodja hu wahdu ta' bintu billi qed isib diffikulta minn jum ghal iehor u b'mod partikolari ghax it-tifla issa tfarfret sabiex jaghmel dawk l-affarijiet li genitur huwa obbligat jaghmel fl-interess tat-tfal minuri kemm in kwantu l-edukazzjoni taghha, sahhitha, attivitajiet extra kurrikulari u anke dak li ghandu x'jaqsam it-trobbija fir-religjon Kattoliku billi kull darba li jigi mitlub xi permess li l-genituri tal-minuri jkollhom jaghtu kontra l-firma taghhom it-tnejn billi l-kura u l-kustodja tal-minuri ghadha sal-lum u skond il-ligi kongunta bejn il-kontendenti qed issibha mill-izjed difficli jekk mhux ukoll impossibbli illi huwa jkun jistgha jaghti dan il-kunsens minghajr il-firma tal-intimata.

   Di piu' l-esponenti huwa mhasseb ukoll billi omm it-tarbija taghmel parti mis-setta tax-xhieda ta' Jehova u gia jaf illi meta bintu tigi biex taghmel il-pracett u tmur id-dutrina ser jigi ffacjat b'nuqqas ta' koperazzjoni minn omm il-minuri anke jekk din taghtih l-indirizz ta' fejn toqghod, haga li sal-lum ghadha ma taghtux. Dan kienet iddikjaratu hi stess mal-esponenti meta kienu ghadhom flimkien.

5. Illi l-esponenti bl-ebda mod ma jrid li omm il-minuri ma' jkollhiex access regolari ghall-minuri jew li b'xi mod irid jzomm lil bintu milli tara u jew tikkomunika ma ommha izda lanqas ma jixtieq, anke fl-interess ta' bintu jibqa' fis-sitwazzjoni li jinsab fiha llum, mdendel kif inhu minghajr ma jista' jiehu dawk id-decizjonijiet li l-Ligi timponi obbligu fuqu li jiehu bhala genitur, xjenti illi ma jistax jorbot fuq omm it-tarbija meta gieghli jghaddu gimghat shah li matulhom ma jirrnexxilux jikkomunika maghha.

6. Fl-ahharnett l-esponenti jhoss illi omm il-minuri li sa fejn jaf hu ghandha impjieg fiss m'ghandhiex tkompli tehles mill-obbligi taghha versu bintha ghal dak li ghandu x'jaqsam il-manteniment taghha.

7. Fl-ahharnett illi l-esponenti gie awtorizzat minn din l-Onorarbbli Qorti, jinnizja dawn il-proceduri permezz tad-digriet moghti fid-29 ta' Novembru 2017.

Talab fid-dawl tal-premess li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. 1Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E tigi fdata unikament f'idejn ir-rikorrenti salv jekk ikun il-kaz li, wkoll tiffissa granet u hinijiet li fihom l-intimata tkun tista' tivvizita lill-minuri jekk il-Qorti thoss, tenut kont ic-cirkostanzi imsemmija li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li tmur taraha u dana dejjem taht kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilHa taghti tenut kont ic-cirkostanzi; b'mod partikolari illi l-minuri ma tithallhiex issiefer minn Malta minghajr il-kunsens tal-esponenti.

2. Tordna illi kull beneficju u/jew ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri E  tinghata unikament lir-rikorrenti.

3. Tordna wkoll lill-intimata sabiex thallas lill-esponenti manteniment adegwat li ghandu jirrispekja l-bzonnijiet tat-

tifla u l-mezzi tal-intimata u tordna wkoll illi kull ammont li din il-Qorti tistabbilixxi bhala manteniment minnha dovut, jigi mhallas direttament f'kont kurrenti li l-esponenti jirrizerva illi jghaddi lil dina l-Qorti 'l quddiem.

4. Tordna illi mid-data tas-sentenza fuq dan ir-rikors guramentat il'quddiem u meta l-esponenti jigi biex issiefer ma bintu u anke meta bintu minuri tkun ser issiefer mal-iskola jew f'xi okkazzjoni ta' sports jew divertiment pero' taht is-sorveljanza tal-ghalliema u/jew sports master tal-minuri, dan is-safar ikun jista' jsir minghajr il-htiega li l-esponenti ikun kostrett jitlob permess kull darba mill-Qorti kompetenti u konsegwentement tordna li kopja ta' s-sentenza eventwali li ser tinghata bhala konsegwenza ta' dan ir-rikors guramentat tintbaghat lill-Ufficjal Principali tal-passaporti u jekk ikun il-kaz lill-Kummissarju tal-Pulizija u dana sabiex kemm l-esponenti kif ukoll il-minuri ma jigux affacjati b'diffikultajiet kull darba li jigu/tigi biex isiefru/ssiefer u dana taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilHa li ghandHa taghti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati (fol. 34) li permezz taghha esponew :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat illi, minkejja illi l-Qorti ordnat lill-kuraturi deputati beix iharrku lil oht il-konvenuta sabiex tixhed fil-Qorti u tforni l-indirizz tal-istess konvenuta fl-Ingilterra, dan baqa` ma sarx.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavits esebiti;

Rat illi s-sitwazzjoni pendente lite hija regolata permezz ta' digriet ta' din il-Qorti, iddatat it-30 ta' Jannar 2018 illi permezz tiegħu il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex il-kura u l-kustodja tal-minuri E B tiġi fdata f'idejh pendente lite; Bis-saħħa tal-istess digriet, il-Qorti ordnat lill-intimata sabiex tħallas €200 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tagħha;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża fejn ir-rikorrent qiegħed jitlob li jiġi fdat esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' bint il-partijiet, ossia il-minuri E B, imwielda fl-20 ta' April 2011 . Inoltré, huwa jitlob illi l-intimata tiġi ordnata tħallas manteniment adegwat għall-minuri, kif ukoll talbiet oħra anċillari.

## FATTI

Jirriżulta li l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldet il-minuri E. Illi mhux wisq wara t-twelid tat-tifla, huma ħassru r-relazzjoni ta' bejniethom. Inizjalment il-minuri baqgħet tirrisjedi ma' ommha l-intimata fl-istess appartament, bl-attur li ħareġ mill-istess residenza iżda baqa' f'kuntatt kontinwu mal-minuri. Sussegwentement, l-intimata marret tirrisjedi l-Ingilterra għal skopijiet ta' xogħol u b'hekk il-minuri bdiet tgħix u tkun imrobbija esklussivament minn missierha l-attur.

## IL-VERŻJONI TAL-ATTUR

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi l-attur innifsu ma tax ix-xiehda tiegħu f'din il-kawża. Huwa pproduċa l-affidavits ta' missieru F B u s-sieħba ta' missieru G H.

F B , spjega illi meta E kellha madwar sentejn, il-partijiet ħassru r-relazzjoni ta' bejniethom. Sakemm ħassru, huma kienu jirrisjedu flimkien f'appartament mikri bejniethom. Ftehmu illi l-intimata tibqa' tirrisjedi fl-imsemmi appartament u l-minuri tgħix magħha. Iben ix-xhud, A, kien iżomm lit-tifla miegħu xi tliet siegħat kuljum, wara x-xogħol, u jerġa jaraha fi tmiem il-ġimgħa. Huwa kien jgħaddi xi €300 lill-intimata bħala manteniment għal bintu.

Xi sitt xhur wara, l-intimata kienet siefret lejn l-Ingilterra biex issib xogħol u baqgħet tgħix u taħdem hemmhekk sal-lum. Tiġi Malta għal btala qasira, darba fis-sena, fejn ġieli tieħu lit-tifla magħha għal ftit jiem. Fil-fehma tax-xhud, oltre dan, hija ma tieħux interess fit-trobbija u l-edukazzjoni ta' bintha. Inoltré hija qatt m'għaddiet sold għall-manteniment tal-minuri.

Iżid illi jaf li ibnu, l-attur, qiegħed jiffaċċja diffikultajiet meta jkun jeħtieġ il-firma tal-omm tal-minuri. Dana kemm fl-istituzzjonijiet edukattivi, kemm fir-rigward is-saħħa tal-minuri, u wkoll fl-entitajiet reliġjużi. L-istess diffikolta` qiegħda żżommu milli jsiefer fuq btala ma' bintu.

Ix-xhud jikkonferma li huwa viċin ħafna ta' ibnu u jaf kemm dan huwa missier tajjeb u kemm iħobb lil E. Iżid li dan l-aħħar ibnu beda jgħix mas-sieħba tiegħu u flimkien mal-minuri. Din is-sieħba tħobb lill-minuri u tieħu interess fiha.

G H , is-sieħba tax-xhud F B, ilha tgħix miegħu għal sittax-il sena u għalhekk lill-attur tafu minn meta kien tifel. Hija tixhed illi l-minuri kienet tirrisjedi ma' A u ma' ommu li kienet tieħu ħsiebha "tindokra", sakemm A kien ikun xogħol. Dan sakemm riċentement, l-attur mar jgħix għal rasu mal-minuri.

Hija tikkorrabora x-xiehda ta' F B. Iżżid li l-kuntatt tal-intimata mal-minuri huwa wieħed minimu billi din taraha xi darba jew darbtejn fis-sena u tagħmlilha xi telefonata 'l hawn u 'l hemm. Qatt ma tibgħatilha xi kartolina f'għeluq sninha jew fil-Milied u lanqas xi rigal. Għalkemm meta tiġi Malta ġieli ġġibilha xi ħwejjeġ, xi drabi lanqas ikunu jiġuha lit-tifla. Skont ix-xhud, l-

intimata qatt ma marret parents day, jew xi kunċert tal-Milied tal-iskola u lanqas tagħti każ meta t-tifla tkun ma tiflaħx. Tgħid li meta l-minuri kienet tgħix mal-intimata qabel ma siefret lejn l-Ingilterra, hija kienet malnutrita imdejqa, traskurata u maħmuġa. It-tifla beda jeħfifilha xagħarha għaliex ma kinitx qiegħda tiekol sew u kienet għolbot.

Taf illi r-rikorrent kellu diffikolta` biex idaħħal lil bintu fi skola tal-Knisja, jagħtiha xi injection, jibgħatha xi ħarġa, jew imur l-Isptar f'xi emerġenza, għaliex ikun mitlub il-firma tal-omm. L-istess problema tinqala' għall-ħruġ tal-passaport tat-tifla u b'hekk huwa ma setax jeħodha Vjenna għall-btala, kif kien xtaq.

Ix-xhud iżżid li kemm ilha tgħix ma' missierha u man-nanna paterna, E ma jonqosha xejn, sejra tajjeb fl-iskola, tittrenja fil-Karate, tattendi l-Mużew, hija tifla ferrieħa u dejjem bi tbissima fuq wiċċha.
L-attur, xi drabi jistqarr max-xhud, li huwa jitratta qisha oħtu l-kbira, kemm huwa jixtieq li l-minuri jkollha iktar kuntatt ma' ommha mhux kif qiegħed isir preżentement.

## IL-VERŻJONI TAL-KONVENUTA

Billi l-konvenuta tirrisjedi ġewwa l-Ingilterra, inħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentawha f'dawn il-proċeduri. Il-kuraturi deputati ma ressqu l-ebda provi minkejja li l-Qorti tathom l-opportunita` illi jagħmlu dan.

## PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-

koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless , il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."

Il-Qorti, għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili . Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "Il-ġenituri għandhom l-

obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Għalhekk għab-bażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso uliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.

(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.

(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.

(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.

(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.

**APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN**

Fil-każ in eżami, jirriżulta illi l-intimata ma turix wisq interess illi żżomm kuntatt kontinwu u regolari ma' bintha E. Minn eta` tenera ħafna, ir-responsabilita` tat-trobbija tagħha għaddiet esklussivament fuq il-missier, illi bl-għajnuna wkoll ta' ommu, refa' tajjeb l-istess responsabilita`. Il-minuri jidher li sejra tajjeb fl-aspetti kollha tagħha bħalma huma l-edukazzjoni, saħħitha, il-formazzjoni fiżika u morali tagħha. Hija tifla kuntenta u miżmuma tajjeb. Jirriżulta li l-attur mit-twelid tal-istess minuri, dejjem ħa ħsiebha, anke meta kien mifrud minn ommha. Kien iżommha tliet sigħat kuljum wara x-xogħol u wkoll fi tmiem il-ġimgħa. Kien jieħu ħsieb ukoll illi, minn jeddu, jgħaddi lill-intimata manteniment għall-għixien tal-minuri.

Tenut kont ta' dan kollu suespost, il-Qorti tikkonkludi li l-attur qiegħed jaqdi b'mod tajjeb l-obbligi tiegħu ta' missier fil-konfront tal-minuri E u m'hemm l-ebda raġuni għaliex il-Qorti m'għandhiex takkorda il-kura u l-kustodja tal-minuri E esklussivament u unikament f'idejn l-attur.

Minkejja x-xewqa u t-talba tal-attur li jkun stabbilit aċċess tal-minuri versu l-omm, f'dan l-istadju u għal raġunijiet prattiċi, il-Qorti ma tistax tistabilixxi dan l-aċċess, in vista li l-omm ma tirrisjedix regolarment hawn Malta u lanqas b'xi mod uriet ix-xewqa li tara lit-tifla f'ċerti żminijiet tas-sena. B'hekk, il-Qorti ma tafx meta tkun disposta l-konvenuta li tiġi Malta sabiex iżżomm l-aċċess ma' bintha.

Dwar il-manteniment, ma nġiebet ebda prova dwar l-introjtu rispettiv taż-żewġ partijiet u lanqas dwar il-ħtiġijiet tal-minuri. Jirriżulta pero` illi l-intimata taħdem għaliex kien għal dan l-iskop li hija telqet minn Malta u stabbilixxiet ruħha fl-Ingilterra. Jirriżulta wkoll illi hija qatt ma vversat manteniment għall-minuri li ilha tgħix b'mod regolari mal-attur minn meta kellha ċirka

sentejn u nofs. Lanqas qatt ma kkontribwixxiet għall-ispejjeż edukattivi u mediċi tagħha.

In vista tan-nuqqas ta' provi dwar l-aspett finanzjarju, il-Qorti ser tgħaddi biex tiffissa manteniment medju li f'ċirkostanzi regolari għandu jabbasta biex titrabba l-minuri. In vista li l-intimata hija assenti, il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri għandhom jitħallsu għab-bażi ta' rimbors tal-irċevuti ppreżentati, in vista li m'huwiex faċli li jsir skambju ta' dawn. Ikun iktar prattiku li l-kontribuzzjoni tal-omm għas-saħħa u l-edukazzjoni tiżdied mal-manteniment pagabbli mensilment għall-minuri.

B'hekk il-Qorti qiegħda tvarja id-digriet tagħha tat-30 ta' Jannar 2018, u tordna lil C D tħallas is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) kull xahar lill-attur A B, liema somma tkun tirrappreżenta il-manteniment għall-minuri u wkoll il-kontribuzzjoni tal-omm għas-saħħa u l-edukazzjoni ta' bintha. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Dan il-manteniment jibqa' jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi full-time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ illi bint il-partijiet tibqa' tistudja, b'mod fiss, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż children's allowance għandu jkun perċepibbli mill-attur.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attur u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E B, imwielda fl-20 t’April 2011, unikament u esklussivament f’idejn l-attur A B li waħdu jista’ jieħu d-deċiżjonijiet ordinarji u wkoll straordinarji rigwardanti l-minuri b’dan illi huwa għandu jinforma lill-konvenuta bi kwalsiasi deċiżjoni straordinarja ta’ saħħa u edukazzjoni li jkun jeħtieġ jieħu.

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-attur u tordna illi kull benefiċċju u/jew għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli għall-minuri E tingħata unikament lill-attur A B.

3. Tilqa’ t-tielet talba tal-attur billi tordna lil C D tħallas is-somma ta’ tliet mitt Ewro (€300) kull xahar lill-attur, liema somma tkun tirrappreżenta il-manteniment għall-minuri u wkoll il-kontribuzzjoni tal-omm għas-saħħa u l-edukazzjoni ta’ bintha. Dan il-manteniment jiżdied kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista’ jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista’ tipperċepixxi l-konvenuta. Dan il-manteniment jibqa’ jitħallas sakemm il-minuri tagħlaq l-eta` ta’ tmintax (18)-il sena jew tibda taħdem fuq bażi full-time, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F’każ illi bint il-partijiet tibqa’ tistudja, b’mod fiss, wara li tilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas sakemm it-tifla tagħlaq l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tagħha, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel.

5. Tilqa’ r-raba’ talba tal-attur u tiddikjara illi l-attur waħdu u mingħajr ebda awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti u mingħajr il-kunsens tal-konvenuta jista’ japplika, jottjeni l-ħruġ u jġedded il-passaport għall-minuri.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta, b’dan illi l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.